Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0224(COD)

20.4.2023

EMENDI
1 - 129

Mandat aġġornat
Fabienne Keller
(PE697.689v01-00)

dwar il-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE

Proposta għal regolament
COM(2020)0611 – C9-xxxx/xxxx – 2016/0224(COD))

Emenda 1
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Huwa fl-interess kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-applikanti li jkun żgurat rikonoxximent korrett ta' bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali diġà f'dan l-istadju tal-proċedura amministrattiva billi jipprovdu informazzjoni ta' kwalità tajba u appoġġ legali li jwassal għal teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u ta' kwalità aħjar. Għal dan l-għan, aċċess għal assistenza u rappreżentanza legali għandhom ikunu parti integrali mill-proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali. Sabiex tkun żgurata protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-applikant, b'mod partikolari d-dritt għal difiża u l-prinċipju ta' ġustizzja, u biex tkun żgurata l-ekonomija tal-proċedura, l-applikanti għandhom, fuq talba tagħhom u soġġett għal kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jingħataw assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas matul il-proċedura amministrattiva u fil-proċedura tal-appell. L-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandhom jingħataw minn persuni li huma kompetenti biex jipprovduhom skont il-liġi nazzjonali tagħhom.	(14) Huwa fl-interess kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-applikanti li jkun żgurat rikonoxximent korrett ta' bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali diġà f'dan l-istadju tal-proċedura amministrattiva billi jipprovdu informazzjoni ta' kwalità tajba u appoġġ legali li jwassal għal teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u ta' kwalità aħjar. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-aċċess għal assistenza u rappreżentanza legali jkunu parti integrali mill-proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali ***tul l-istadji kollha tal-proċedura***. Sabiex tkun żgurata l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-applikant, b'mod partikolari d-dritt għal difiża u l-prinċipju ta' ġustizzja, u biex tkun żgurata l-ekonomija tal-proċedura, jenħtieġ li l-applikanti, fuq talba tagħhom u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jingħataw assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas matul il-proċedura amministrattiva, ***inklużi l-proċedura aċċellerata u l-proċedura fuq il-fruntiera, kif ukoll waqt l-intervisti personali,*** u fil-proċedura tal-appell. ***Jenħtieġ li l-applikanti jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra deċiżjoni li ċċaħħadhom mill-assistenza legali mingħajr ħlas, u jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-assistenza u r-rappreżentanza legali ma jkunux ristretti b'mod arbitrarju u li l-aċċess effettiv tal-applikant għall-ġustizzja ma jiġix imfixkel***. Jenħtieġ li l-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas ikunu pprovduti ***malli l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi reġistrata u*** mill-persuni li huma kompetenti biex jipprovduhom skont il-liġi nazzjonali tagħhom.

Or. en

Emenda 2
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom lejn persuni mingħajr stat, inkluż taħt il-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi tat-28 ta' Settembru 1954.

Or. en

Emenda 3
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Sabiex ikunu garantiti d-drittijiet tal-applikant, deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tingħata bil-miktub. Fejn id-deċiżjoni ma tagħtix protezzjoni internazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jingħata raġunijiet fil-fatt u fil-liġi, informazzjoni dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjoni u l-modalitajiet għall-kontestazzjoni tagħha.	(31) Sabiex ikunu garantiti d-drittijiet tal-applikant, deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tingħata bil-miktub. Fejn id-deċiżjoni ma tagħtix protezzjoni internazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jingħata raġunijiet fil-fatt u fil-liġi, informazzjoni dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjoni u l-modalitajiet għall-kontestazzjoni tagħha. ***Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jibqa' fl-Istat Membru responsabbli sakemm tiġi eżaminata l-applikazzjoni u għall-prinċipju ta' non-refoulement, tali deċiżjoni tista' tinkludi, jew tista' tingħata flimkien ma' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva Riformulata tar-Ritorn].***

Or. en

Emenda 4
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 31a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31a) Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri u biex jitnaqqas ir-riskju ta' ħarba u l-probabbiltà ta' movimenti mhux awtorizzati, jenħtieġ ***li ma jkun hemm l-ebda vojt*** proċedurali bejn il-ħruġ ta' deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u ta' deċiżjoni tar-ritorn. ***Deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li tinħareġ immedjatament lill-applikanti li l-applikazzjonijiet tagħhom jiġu miċħuda***. Mingħajr preġudizzju għad-dritt għal rimedju effettiv, id-deċiżjoni tar-ritorn ***jenħtieġ li tkun jew parti mid-deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew, jekk*** tkun att separat, tinħareġ ***fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni negattiva.***	(31a) Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri ***aċċellerati u tal-fruntiera*** u biex jitnaqqas ir-riskju ta' ħarba u l-probabbiltà ta' movimenti mhux awtorizzati, jenħtieġ ***li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex inaqqsu*** l-lakuni proċedurali bejn il-ħruġ ta' deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u ta' deċiżjoni tar-ritorn. Mingħajr preġudizzju għad-dritt għal rimedju effettiv, ***fejn*** id-deċiżjoni ta' ritorn t***inħareġ f'***att separat ***għal deċiżjoni li tiċħad l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, id-deċiżjoni preċedenti għandha*** tinħareġ ***mingħajr dewmien żejjed wara dan, sabiex jiġu ssodisfati l-limiti ta' żmien previsti f'dan ir-regolament. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-applikanti jkunu disponibbli biex jirċievu d-deċiżjonijiet. Dik ma għandha bl-ebda mod tirrestrinġi d-diskrezzjoni tal-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399 al-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] jew id-diskrezzjoni tagħhom li joħorġu permessi ta' residenza jew awtorizzazzjonijiet oħra taħt il-liġi nazzjonali li tagħti dritt ta' permanenza fit-territorju tagħhom, inkluż għal raġunijiet ta' kompassjoni jew umanitarji.***
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).

Or. en

Emenda 5
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 39a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39a) Fl-interess ta' proċeduri rapidi u ġusti għall-applikanti kollha, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li s-soġġorn ta' applikanti li ma jikkwalifikawx għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni ma jittawwalx bla bżonn, inklużi dawk li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mir-rekwiżit li jkunu fil-pussess ta' viża skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1806, l-Istati Membri jenħtieġ li jaċċelleraw l-eżami tal-applikazzjonijiet ta' applikanti li huma ċittadini jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks residenti abitwali ta' pajjiż terz li għalihom, is-sehem tad-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali huwa inqas minn 20 % tan-numru totali ta' deċiżjonijiet għal dak il-pajjiż terz. ***Fejn*** tkun seħħet bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn mindu ġiet ippubblikata d-data rilevanti tal-Eurostat u b'kont meħud tan-nota ta' gwida skont l-Artikolu ***10*** tar-Regolament ***XX/XX*** dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Asil, ***jew fejn l-***applikant jappartjeni għal kategorija speċifika ta' persuni li għalihom ir-rata baxxa ta' rikonoxximent ma tistax titqies bħala rappreżentattiva tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom minħabba raġuni speċifika ta' persekuzzjoni, ***l-eżami tal-applikazzjoni*** jenħtieġ ***li ma*** jiġix aċċellerat. Il-każijiet fejn pajjiż terz jista' jitqies bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu jew pajjiż terz bla periklu għall-applikant skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jibqgħu applikabbli bħala raġuni separata għal, rispettivament, il-proċedura aċċellerata ta' eżami jew il-proċedura inammissibbli.	(39a) Fl-interess ta' proċeduri rapidi u ġusti għall-applikanti kollha, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li s-soġġorn ta' applikanti li ***jistgħu*** ma jikkwalifikawx għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni ma jittawwalx bla bżonn, inklużi dawk li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mir-rekwiżit li jkunu fil-pussess ta' viża skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1806, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jkunu jistgħu*** jaċċelleraw l-eżami tal-applikazzjonijiet ta' applikanti li huma ċittadini jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks residenti abitwali ta' pajjiż terz li għalihom, is-sehem tad-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali huwa ***fuq medja annwali fl-Unjoni kollha*** inqas minn 20 % tan-numru totali ta' deċiżjonijiet għal dak il-pajjiż terz. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċelleraw l-eżami tal-applikazzjonijiet ta' applikanti li huma minorenni mhux akkumpanjati u li huma ċittadini jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks residenti abitwali ta' pajjiż terz li għalihom, is-sehem tad-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali huwa fuq medja annwali fl-Unjoni kollha inqas minn 10 % tan-numru totali ta' deċiżjonijiet għal dak il-pajjiż terz. Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li ma tiġix aċċellerata fejn*** tkun seħħet bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn mindu ġiet ippubblikata d-data rilevanti tal-Eurostat u b'kont meħud tan-nota ta' gwida skont l-Artikolu ***11*** tar-Regolament ***(EU) 2021/2303*** dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil***.*** Applikant ***li*** jappartjeni għal kategorija speċifika ta' persuni li għalihom ir-rata baxxa ta'

rikonoxximent ma tistax titqies bħala rappreżentattiva tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom minħabba raġuni speċifika ta' persekuzzjoni, jenħtieġ li ***jkun eżentat ukoll mill-***proċedura ***aċċellerata ta' eżami, inkluż fejn tali proċedura tkun bdiet***. Il-każijiet fejn pajjiż terz jista' jitqies bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu jew pajjiż terz bla periklu għall-applikant skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jibqgħu applikabbli bħala raġuni separata għal, rispettivament, il-proċedura aċċellerata ta' eżami jew il-proċedura tal-inammissibbiltà.

Or. en

Emenda 6
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru, ***spiss*** minn persuni maqbuda b'konnessjoni ma' qsim mhux ***awtorizzat*** tal-fruntiera esterna jew żbarkati wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ. ***Sabiex jitwettaq skrinjar ta' identifikazzjoni, sigurtà u saħħa fil-fruntiera esterna u sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat ikkonċernati jiġu diretti għall-proċeduri rilevanti, huwa meħtieġ skrinjar.*** Jenħtieġ li jkun hemm rabtiet effiċjenti u bla intopp bejn l-istadji kollha tal-proċeduri rilevanti għall-wasliet irregolari kollha. Wara ***l-***iskrinjar, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat jenħtieġ li jiġu direzzjonati għall-proċedura xierqa ***tal-asil jew tar-ritorn, jew jiġu miċħudin id-dħul***. ***Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita fażi ta' qabel id-dħul li tikkonsisti fi proċeduri ta' skrinjar u tal-fruntieri għall-asil u r-***	(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru ***inkluż*** minn persuni maqbuda b'konnessjoni ma' qsim ***irregolari*** tal-fruntiera esterna jew żbarkati wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ. Jenħtieġ li jkun hemm rabtiet effiċjenti u bla intopp bejn l-istadji kollha tal-proċeduri rilevanti għall-wasliet irregolari kollha. Wara l-iskrinjar***, l-aktar tard,*** iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat jenħtieġ li jiġu direzzjonati għall-proċedura xierqa, ***jew jingħataw id-dħul skont l-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399.***.

ritorn.

Or. en

Emenda 7
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40a) L-għan tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-ażil ***u r-ritorn*** jenħtieġ li jkun li jiġi vvalutat malajr ***fil-fruntieri esterni*** jekk l-applikazzjonijiet humiex bla bażi ***jew inammissibbli*** u li dawk mingħajr dritt ta' permanenza jiġu rritornati malajr, ***filwaqt li jiġi żgurat li dawk bi pretensjonijiet fondati jiġu direzzjonati lejn il-proċedura regolari u jingħataw aċċess rapidu għall-protezzjoni internazzjonali.*** L-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li jkunu jistgħu jitolbu lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali biex jibqgħu fil-fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet***.*** F'ċirkostanzi definiti sew, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu għall-eżami tal-merti ta' applikazzjoni u, fil-każ ta' ċaħda tal-applikazzjoni, għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat ikkonċernati ***fil-fruntieri esterni***.	(40a) L-għan tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-ażil jenħtieġ li jkun li jiġi vvalutat malajr jekk l-applikazzjonijiet ***magħmula matul jew fi tmiem il-proċedura ta' skrinjar humiex inammissibbli jew*** bla bażi***, mhux biss wara d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għal applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [Regolament dwar l-Ażil u l-Ġestjoni tal-Migrazzjoni] iżda wkoll matul il-proċedura fuq il-fruntiera***. ***Jekk tkun bla bażi jew inammissibbli, l-Istati Membri jenħtieġ li ikunu jistgħu jużaw proċedura fuq il-fruntiera biex jippermettu*** ritorn ***rapidu ta'*** dawk li ma għandhomx dritt li jibqgħu ***u li jkunu nħarġu deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement***. L-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li jkunu jistgħu jitolbu lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali biex jibqgħu f'***postijiet, magħżula fid-diskrezzjoni tagħhom, għat-tlestija tal-proċedura, inkluż fuq il-***fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu ***jew fil-prossimità tagħhom*** sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet***, sakemm ikunu konformi mad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]***. F'ċirkostanzi definiti sew, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu għall-eżami tal-merti ta' applikazzjoni u, fil-każ ta' ċaħda tal-applikazzjoni, għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat

ikkonċernati ***fi proċedura fuq il-fruntiera***.

Or. en

Emenda 8
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40b) L-Istat Membru jenħtieġ li jivvaluta l-applikazzjonijiet fi proċedura fuq il-fruntiera fejn l-applikant ***ikun ta' periklu għas-***sigurtà ***nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, fejn l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità jew tan-nazzjonalità tiegħu li setgħu kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni u fejn x'aktarx l-applikazzjoni hija bla bażi minħabba li l-applikant huwa ta' nazzjonalità li għaliha d-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali huma inqas minn 20 % tan-numru totali ta' deċiżjonijiet għal dak il-pajjiż terz. F'każijiet oħra, bħal meta l-applikant ikun minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew minn pajjiż terz bla periklu, l-użu tal-proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li jkun fakultattiv għall-Istati Membri***.	(40b) ***Fejn applikazzjoni għandha tkun soġġetta għal proċedura aċċellerata, Stat*** Membru jenħtieġ ***li jkun jista'*** jivvaluta l-applikazzjonijiet fi proċedura fuq il-fruntiera***, ħlief fejn tapplika eżenzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw li jagħtu prijorità lill-proċedura fuq il-fruntiera*** fejn l-applikant ***jista' jitqies, għal raġunijiet serji, theddida għas-***sigurtà ***interna***.

Or. en

Emenda 9
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40ba (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40ba) L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw proċedura fuq il-fruntiera b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn l-

applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat jew minorenni taħt it-12-il sena, huwa persuna vulnerabbli jew għandu bżonnijiet speċjali ta' proċedura jew ta' akkoljenza u l-appoġġ meħtieġ ma jistax jiġi pprovdut, fejn ikun hemm raġunijiet mediċi biex ma tiġix applikata l-proċedura fuq il-fruntiera jew fejn il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ma jintlaħqux kif previst fid-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u għandhom jieqfu japplikaw proċedura fuq il-fruntiera meta r-raġunijiet jew il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha jieqfu jeżistu. Il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-età għandhom japplikaw l-inqas metodi u proċessi intrużivi. Huwa importanti li l-Istati Membri jqisu l-gwida prattika tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil dwar il-valutazzjoni tal-età. Il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-età ma għandhomx jinkludu valutazzjoni medika. Fejn ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-età ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 12-il sena, l-Istati Membri jenħtieġ li jassumu li l-minorenni għandu inqas minn 12-il sena. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki xierqa u regolari tal-vulnerabbiltà matul il-proċedura kollha fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 10
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40bb (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40bb) Meta jiġi ddeterminat jekk hemmx konnessjoni diretta ma' qsim irregolari tal-fruntiera għall-fini li tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera, huwa importanti li l-Istati Membri jqisu l-gwida li tinsab fil-Manwal dwar ir-Ritorn stipulat fir-Rakkomandazzjoni tal-

Kummissjoni (UE) 2017/2338.

[1a] ***Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2338 tas-16 ta' Novembru 2017 li tistabbilixxi "Manwal dwar ir-Ritorn" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jkunu qed iwettqu l-kompiti relatati mar-ritorn (ĠU L 339, 19.12.2017, p. 83).***

Or. en

Emenda 11
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40c) Meta japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ***li jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex jakkomodaw lill-applikanti fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu, skont*** id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]. ***L-Istati Membri jistgħu jipproċessaw l-applikazzjonijiet f'post differenti fil-fruntiera esterna minn dak fejn issir l-applikazzjoni għall-ażil billi jittrasferixxu lill-applikanti għal post speċifiku fil-fruntiera esterna ta' dak l-Istat Membru jew fil-viċinanza ta' din il-fruntiera, fejn jeżistu faċilitajiet adatti. L-Istati Membri jenħtieġ li jżommu d-diskrezzjoni fid-deċiżjoni dwar f'liema postijiet speċifiċi fil-fruntieri esterni jenħtieġ li jiġu stabbiliti tali faċilitajiet. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jfittxu li jillimitaw il-ħtieġa għat-trasferiment tal-applikanti għal dan il-għan, u għalhekk jimmiraw li jistabbilixxu tali faċilitajiet***	(40c) Meta japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ***konformità*** mad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza] ***fir-rigward tal-akkomodazzjoni għall-applikanti, inklużi l-applikanti bi bżonnijiet speċjali jew vulnerabbiltajiet, u li l-applikanti jibqgħu disponibbli għall-awtoritajiet***. ***Il-minorenni u l-familji għandhom jitqiesu li jeħtieġu garanziji proċedurali u ta' akkoljenza speċjali u jitqiegħdu f'akkomodazzjoni adegwata. Il-persunal tal-ażil, ir-rappreżentanti legali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u internazzjonali, u l-persunal soċjomediku jenħtieġ li dejjem jitħallew jaċċessaw il-faċilitajiet użati għall-proċedura fuq il-fruntiera.***

b'kapaċità suffiċjenti fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, jew taqsimiet tal-fruntiera esterna, fejn issir il-maġġoranza tan-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jitqies ukoll it-tul tal-fruntiera esterna u n-numru ta' punti ta' qsim tal-fruntiera jew żoni ta' tranżitu. Huma jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-postijiet speċifiċi fil-fruntiera esterna, fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-prossimità tal-fruntiera esterna fejn se jitwettqu l-proċeduri tal-fruntiera.

F'każijiet fejn tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera, u l-kapaċità tal-postijiet fi jew qrib il-fruntiera esterna kif innotifikat minn Stat Membru tinqabeż temporanjament, l-Istati Membri jistgħu jipproċessaw dawk l-applikazzjonijiet f'post ieħor fit-territorju tagħhom, għall-iqsar żmien possibbli.

Or. en

Emenda 12
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40ca (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40ca) L-Istati Membri jenħtieġ li jżommu d-diskrezzjoni fid-deċiżjoni dwar f'liema postijiet speċifiċi jenħtieġ li jiġu stabbiliti faċilitajiet għall-proċedura fuq il-fruntiera. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jqiegħdu tali faċilitajiet fuq il-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-prossimità tagħhom, dment li jiggarantixxu kondizzjonijiet ta' akkoljenza xierqa, aċċess għall-persunal u servizzi essenzjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-postijiet speċifiċi fejn se jitwettqu l-proċeduri fuq il-fruntiera.

F'każijiet fejn tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera, u l-kapaċità tal-postijiet kif innotifikat minn Stat Membru tinqabeż temporanjament, u l-kapaċità tal-persunal ma tkunx suffiċjenti jew il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza ma jiġux issodisfati, l-Istat Membru jenħtieġ li jkun jista' jipproċessa applikazzjonijiet f'post ieħor fit-territorju tiegħu, għall-iqsar żmien possibbli.

Or. en

Emenda 13
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40d) ***F'każ fejn l-użu tal-proċedura fuq il-fruntiera jkun obbligu,*** l-Istati Membri, ***bħala eċċezzjoni,*** jenħtieġ li ***ma jkunux meħtieġa japplikawha*** għall-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadini ta' pajjiż terz li ma jikkooperax biżżejjed fuq ir-riammissjoni, minħabba li f'dak il-każ, ma jkunx probabbli li l-persuni kkonċernati jirritornaw malajr, wara li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu ġew rifjutati. Id-determinazzjoni ta' jekk pajjiż terz ikunx qed jikkoopera b'mod suffiċjenti dwar ir-riammissjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.	(40d) L-Istati Membri jenħtieġ li ***ma japplikawx il-proċedura*** fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadini ta' pajjiż terz li ma jikkooperax biżżejjed fuq ir-riammissjoni, minħabba li f'dak il-każ, ma jkunx probabbli li l-persuni kkonċernati jirritornaw malajr, wara li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu ġew rifjutati. Id-determinazzjoni ta' jekk pajjiż terz ikunx qed jikkoopera b'mod suffiċjenti dwar ir-riammissjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.

Or. en

Emenda 14
Fabienne Keller
Proposta għal regolament

Premessa 40e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40e) It-tul ta’ żmien tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta’ applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jkun qasir kemm jista’ jkun filwaqt li fl-istess ħin jiggarantixxi eżami sħiħ u ġust tat-talbiet. Fi kwalunkwe każ jenħtieġ li ma jaqbiżx it-12-il ġimgħa. Din l-iskadenza jenħtieġ li tinftiehem bħala skadenza awtonoma għall-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil, li tinkludi kemm id-deċiżjoni dwar l-eżami tal-applikazzjoni kif ukoll id-deċiżjoni tal-***ewwel livell ta’ appell***, jekk applikabbli. F’dan il-perjodu, l-Istati Membri huma intitolati li jistabbilixxu l-iskadenza fil-liġi nazzjonali kemm għall-istadju amministrattiv kif ukoll għall-istadju tal-appell, iżda jenħtieġ li jistabbilixxuhom b’mod li ***jiżguraw li*** l-proċedura ta’ eżami ***tiġi*** konkluża u li sussegwentement, jekk ikun rilevanti, ***id-***deċiżjoni dwar l-***ewwel livell ta’*** appell tinħareġ f’dan il-massimu ta’ 12-il ***ġimgħa***. Wara dak il-perjodu, jekk l-Istat Membru xorta waħda jkun naqas milli jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti***, fil-prinċipju,*** l-applikant jenħtieġ li jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru. ***Madankollu, id-dħul*** fit-territorju jenħtieġ li ma jiġix awtorizzat fejn l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa’, fejn ma jkunx talab li jitħalla jibqa’ għall-finijiet ta’ proċedura ta’ appell, jew fejn qorti jew tribunal ikunu ddeċidew li jenħtieġ li ma jitħalliex jibqa’ sakemm joħroġ ir-riżultat ta’ proċedura ta’ appell. F’***każijiet*** bħal dawn, biex tiġi żgurata l-kontinwità bejn il-proċedura tal-ażil u l-proċedura tar-ritorn, il-proċedura tar-ritorn jenħtieġ li titwettaq ukoll fil-kuntest ta’ proċedura fuq il-fruntiera għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il ġimgħa. Dan il-perjodu jenħtieġ li jibda mill-mument li fih l-applikant, iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu jew	(40e) It-tul ta’ żmien tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta’ applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jkun qasir kemm jista’ jkun filwaqt li fl-istess ħin jiggarantixxi eżami sħiħ u ġust tat-talbiet. Fi kwalunkwe każ jenħtieġ li ma jaqbiżx it-12-il ġimgħa. Din l-iskadenza jenħtieġ li tinftiehem bħala skadenza awtonoma ***għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għal applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [Regolament dwar l-Asil u l-Ġestjoni tal-Migrazzjoni] u*** għall-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil, li tinkludi kemm id-deċiżjoni dwar l-eżami tal-applikazzjoni kif ukoll id-deċiżjoni tal-appell, jekk applikabbli. F’dan il-perjodu, ***u mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tal-ġudikatura,*** l-Istati Membri huma intitolati li jistabbilixxu l-iskadenza fil-liġi nazzjonali kemm għall-istadju amministrattiv kif ukoll għall-istadju tal-appell, iżda jenħtieġ li jistabbilixxuhom b’mod li ***jippermettu*** li l-proċedura ta’ eżami ***tiġi*** konkluża u li sussegwentement, jekk ikun rilevanti, ***għandha*** tinħareġ deċiżjoni dwar l-appell fi żmien 12-il ġimgħa massimu. Wara dak il-perjodu, jekk l-Istat Membru xorta waħda jkun naqas milli jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti, l-applikant jenħtieġ li jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ***u li jiġi direzzjonat fil-proċedura xierqa***. ***Fil-każ ta’ deċiżjoni li tiċħad it-talba għall-protezzjoni internazzjonali fil-proċedura fuq il-fruntiera, id-dħul*** fit-territorju jenħtieġ li ma jiġix awtorizzat fejn l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa’, fejn ma jkunx talab li jitħalla jibqa’ għall-finijiet ta’ proċedura ta’ appell, jew fejn qorti jew tribunal ikunu ddeċidew li jenħtieġ li ma jitħalliex jibqa’ sakemm joħroġ ir-riżultat ta’ proċedura ta’ appell. F’***każ*** bħal dan, biex tiġi żgurata l-

ma jitħallewx jibqgħu.	kontinwità bejn il-proċedura tal-ażil u l-proċedura tar-ritorn, il-proċedura tar-ritorn jenħtieġ li titwettaq ukoll fil-kuntest ta' proċedura fuq il-fruntiera għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il ġimgħa. Dan il-perjodu jenħtieġ li jibda mill-mument li fih l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu jew ma jitħallewx jibqgħu. ***Hekk kif proċedura fuq il-fruntiera tiġi tterminata u fejn l-applikant ikun awtorizzat li jidħol fit-territorju, l-Istati Membri qatt ma għandhom jerġgħu japplikaw proċedura fuq il-fruntiera għal dak l-applikant.***
	Or. en

Emenda 15
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40f) ***Filwaqt li l-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tista' tiġi applikata mingħajr rikors għad-detenzjoni,*** l-Istati Membri jenħtieġ li ***madankollu*** jkunu jistgħu japplikaw ir-raġunijiet għad-detenzjoni matul il-proċedura fuq il-fruntiera skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] (UE) XXX/XXX ***sabiex jiddeċiedu dwar id-dritt tal-applikant li jidħol fit-territorju. Jekk matul tali proċedura tintuża d-detenzjoni, jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-detenzjoni tad-Direttiva (UE) XXX/XXX [Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza], inkluż il-garanziji għal applikanti detenuti u l-fatt li valutazzjoni individwali ta' kull każ hija meħtieġa, il-kontroll ġudizzjarju u l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni.***	(40f) L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu japplikaw ir-raġunijiet għad-detenzjoni matul il-proċedura fuq il-fruntiera skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] (UE) XXX/XXX. ***Id-detenzjoni amministrattiva matul l-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li tibqa' miżura tal-aħħar istanza. Deċiżjoni li jinżamm applikant waqt proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li dejjem tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali ta' kull każ u determinata li hija meħtieġa, raġonevoli u proporzjonata għal għan leġittimu u li mhuwiex possibbli li jiġu applikati b'mod effettiv miżuri inqas koersivi. Tali deċiżjonijiet għandhom li jkunu soġġetti għal superviżjoni ġudizzjarja. Il-ħtieġa li applikant jinżamm f'detenzjoni jenħtieġ li tiġi riveduta regolarment.***

Or. en

Emenda 16
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40fa (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40fa) Bil-ħsieb li tiġi evitata d-detenzjoni fejn jistgħu jkunu applikabbli miżuri inqas stretti, l-Istati Membri għandhom japplikaw restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu jew alternattivi għad-detenzjoni kif previst fid-[Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza] (UE) XXX/XXX. Tali alternattivi jenħtieġ li jkunu disponibbli kemm fil-liġi kif ukoll bil-fatti fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprijoritizzaw pjazzamenti bbażati fil-komunità mhux ta' kustodja għal minorenni u l-familji tagħhom u għal applikanti b'vulnerabbiltajiet jew bżonnijiet speċjali proċedurali jew ta' akkoljenza.

Or. en

Emenda 17
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40g) Meta applikazzjoni tiġi miċħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera, l-applikant***, ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ikkonċernati jenħtieġ li jkunu immedjatament soġġetti għal*** deċiżjoni tar-ritorn ***jew,*** fejn il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ikunu ssodisfati, ***għal*** rifjut tad-dħul. ***Biex***	(40g) Meta applikazzjoni tiġi miċħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera, ***l-Istat Membru inkwistjoni għandu jkun jista' joħroġ*** deċiżjoni tar-ritorn lill-applikant ***sakemm jirrispetta l-Artikolu 5 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva Riformulata dwar ir-Ritorn] u tkun ingħatat kunsiderazzjoni xierqa fil-każ individwali għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(2) sa (5) ta' dik id-Direttiva.***

jiggarantixxu t-trattament ugwali taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet miċħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera, fejn Stat Membru jkun iddeċieda li ma japplikax id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] bis-saħħa tal-Artikolu 2(2), punt (a), ta' dik id-Direttiva u ma joħroġx deċiżjoni tar-ritorn liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, it-trattament u l-livell ta' protezzjoni tal-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ikkonċernati jenħtieġ li jkunu f'konformità mal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] u jkunu ekwivalenti għal dawk applikabbli għal persuni soġġetti għal deċiżjoni tar-ritorn.

Fejn il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ikunu ssodisfati***, l-Istat Membru jenħtieġ li jkun jista' joħroġ ukoll*** rifjut tad-dħul ***mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(5) ta' dak ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 18
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40h) Meta tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, ***ċerti*** dispożizzjonijiet tad-[Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn] jenħtieġ li japplikaw peress li dawn jirregolaw elementi tal-proċedura tar-ritorn li mhumiex determinati minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk dwar id-definizzjonijiet, dispożizzjonijiet aktar favorevoli, non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa, ir-riskju ta' ħarba, l-obbligu ta' kooperazzjoni, il-perjodu għat-tluq volontarju, id-deċiżjoni tar-ritorn, it-tneħħija, il-posponiment tat-tneħħija, ir-ritorn u t-tneħħija ta' minorenni mhux akkumpanjati, projbizzjonijiet ta' dħul, salvagwardji sakemm jaslu lura, detenzjoni, kundizzjonijiet ta' detenzjoni,	(40h) Meta tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, ***id-*** dispożizzjonijiet tad-[Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn] jenħtieġ li japplikaw peress li dawn jirregolaw elementi tal-proċedura tar-ritorn li mhumiex determinati minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk dwar id-definizzjonijiet, dispożizzjonijiet aktar favorevoli, non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa, ir-riskju ta' ħarba, l-obbligu ta' kooperazzjoni, il-perjodu għat-tluq volontarju, id-deċiżjoni tar-ritorn, it-tneħħija, il-posponiment tat-tneħħija, ir-ritorn u t-tneħħija ta' minorenni mhux akkumpanjati, projbizzjonijiet ta' dħul, salvagwardji sakemm jaslu lura, detenzjoni, kundizzjonijiet ta' detenzjoni,

detenzjoni ta’ minuri u familji f’sitwazzjonijiet ta’ emerġenza. ***Biex jitnaqqas ir-riskju ta’ dħul u moviment mhux awtorizzat ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi b’residenza illegali soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, jista’*** jingħata perjodu għat-tluq volontarju ***li ma jaqbiżx il-15-il*** jum lil ċittadini ta’ pajjiżi terzi ***b’residenza illegali***, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta’ konformità volontarja mal-obbligu tar-ritorn fi kwalunkwe mument.	detenzjoni ta’ minuri u familji f’sitwazzjonijiet ta’ emerġenza. Perjodu għat-tluq volontarju ***ta’ 25 jum jenħtieġ*** li jingħata lil ċittadini ta’ pajjiżi terzi ***kkonċernati***, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta’ konformità volontarja mal-obbligu tar-ritorn fi kwalunkwe mument.

Or. en

Emenda 19
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40ha (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40ha) Il-proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li titwettaq f’konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mad-dritt tal-Unjoni. Il-Funzjonament xieraq tal-proċedura fuq il-fruntiera jiddependi b’mod inerenti fuq id-disponibbiltà ta’ persunal adegwat u kkwalifikat fl-istadji kollha tal-proċedura. Sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-fruntiera jirrispettaw id-drittijiet proċedurali individwali kollha u jkunu konformi mal-kundizzjonijiet tal-akkoljenza, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw persunal kwalifikat u mħarreġ sew fil-postijiet rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jfittxu, fejn ikun meħtieġ, l-appoġġ mill-aġenziji tal-Unjoni, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil tista’ wkoll tassisti lill-awtoritajiet kompetenti fl-ippjanar tal-allokazzjoni ta’ persunal ikkwalifikat.

Or. en

Emenda 20
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40hb (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40hb) Fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, l-aġenziji tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu appoġġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fuq talba tagħhom, bil-ħsieb li jiżguraw l-implimentazzjoni u l-funzjonament xierqa ta' dan ir-Regolament, inklużi d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mal-proċeduri fuq il-fruntiera. L-aġenziji tal-Unjoni jistgħu jipproponu appoġġ speċifiku lil Stat Membru. Meta aġenzija tal-Unjoni tipproponi appoġġ speċifiku lil Stat Membru, dak l-Istat Membru jenħtieġ li jieħu kont debitu tal-proposta tagħha. Fejn dak l-Istat Membru jirrifjuta t-talba, għandu jispjega r-raġunijiet tiegħu għal dan fi żmien xieraq.

Or. en

Emenda 21
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40i) Fejn applikant***, ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat*** li kienu detenuti waqt il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali ma jkollhomx aktar dritt li jibqgħu u ma jkunux tħallew jibqgħu, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jkomplu d-detenzjoni bil-għan li jipprevjenu d-dħul	(40i) Fejn applikant li kien detenut waqt il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjoni ***tiegħu jew tagħha*** għall-protezzjoni internazzjonali ma jkollux aktar dritt li jibqa' u ma jkunx tħalla jibqa', l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jkomplu d-detenzjoni bil-għan li jipprevjenu d-dħul fit-territorju u jwettqu l-proċedura tar-ritorn, filwaqt li jirrispettaw

fit-territorju u jwettqu l-proċedura tar-ritorn, filwaqt li jirrispettaw il-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. Applikant***, ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat*** li ma kienx detenut waqt il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, u li ma għadx għandu d-dritt li jibqa' u li ma kienx permess li jibqa', jista' jiġi detenut ukoll jekk ikun hemm riskju ta' ħarba, jekk dan jevita jew ifixkel ir-ritorn, jew jekk hu jew hi jkunu ta' riskju għall-***politika pubblika***, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali. Id-detenzjoni jenħtieġ li tkun għal perjodu qasir ***u*** kemm jista' jkun jenħtieġ li ma taqbiżx it-tul massimu tal-proċedura fuq il-fruntiera biex jitwettaq ir-ritorn. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz residenti ***illegalment*** ma jirritornax jew ma jitneħħiex f'dak il-perjodu u l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn ma tibqax tapplika, jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-[id-Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn]. ***Il-perjodu massimu ta' detenzjoni stabbilit mill-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva jenħtieġ li jinkludi l-perjodu ta' detenzjoni applikat matul il-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn tagħna.***

il-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva ***Riformulata*** dwar ir-Ritorn]. Applikant ***li l-applikazzjoni tiegħu ma rnexxietx,*** li ma kienx detenut waqt il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, u li ma għadx għandu d-dritt li jibqa' u li ma kienx permess li jibqa', jista' jiġi detenut ukoll jekk ikun hemm riskju ta' ħarba, jekk dan jevita jew ifixkel ir-ritorn, jew jekk hu jew hi jkunu ta' riskju għall-politika pubblika, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali***, u sakemm miżuri inqas koerċittivi ma jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv.***. Id-detenzjoni jenħtieġ li tkun għal perjodu qasir kemm jista' jkun***,*** jenħtieġ li ma taqbiżx it-tul massimu tal-proċedura fuq il-fruntiera biex jitwettaq ir-ritorn***u ma għandux jaqbeż il-perjodu massimu ta' detenzjoni stabbilit mill-Artikolu 15 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva Riformulata tar-Ritorn]***. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz residenti ***irregolari*** ma jirritornax jew ma jitneħħiex f'dak il-perjodu u l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn ma tibqax tapplika, jenħtieġ li ***jkomplu*** japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-[Direttiva ***Riformulata*** dwar ir-Ritorn].

Or. en

Emenda 22
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 40j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40j) Jenħtieġ li jkun possibbli għal Stat Membru li applikant ikun ġie rilokat fih, skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] li jeżamina l-applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera sakemm l-	(40j) Jenħtieġ li jkun possibbli għal Stat Membru li applikant ikun ġie rilokat ***jew trasferit*** fih, skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] li jeżamina l-applikazzjoni fi proċedura fuq

applikant ma jkunx għadu ġie awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' tali proċedura mill-Istat Membru li minnu l-applikant ġie rilokat ikunu ssodisfati.

il-fruntiera sakemm l-applikant ma jkunx għadu ġie awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' tali proċedura mill-Istat Membru li minnu ***u li*** l-applikant ġie rilokat ***jew trasferit fih*** ikunu ssodisfati.

Or. en

Emenda 23
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 64a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(64a) Huwa essenzjali li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-limiti ta' żmien għas-sottomissjoni u t-traduzzjoni ta' dokumenti b'tali mod li jiggarantixxu li l-qrati jew it-tribunali jkunu jistgħu jqisuhom u l-informazzjoni pprovduta mill-applikant, skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 24
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Sabiex applikant ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-effetti kollha ***tad-***deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li jiġu sospiżi awtomatikament sakemm l-applikant ikollu d-dritt li jibqa' jew li jitħalla jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru. Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri fil-fruntiera esterna, filwaqt li jiġi żgurat ir-	(65) Sabiex applikant ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, ***u fejn deċiżjoni tar-ritorn tkun inħarġet ukoll lill-applikant***, l-effetti kollha ta' ***dik*** id-deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li jiġu sospiżi awtomatikament sakemm l-applikant ikollu d-dritt li jibqa' jew li jitħalla jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru. Sabiex tittejjeb

rispett tad-dritt għal rimedju effettiv, l-appelli kontra deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li jsiru biss quddiem livell wieħed ta' ġuriżdizzjoni ta' qorti jew tribunal.	l-effettività tal-proċeduri fil-fruntiera esterna, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv, l-appelli kontra deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li jsiru biss quddiem livell wieħed ta' ġuriżdizzjoni ta' qorti jew tribunal.

Or. en

Emenda 25
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) L-applikanti, ***fil-prinċipju,*** jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' appell quddiem qorti jew tribunal ta' prim'istanza, u, fejn tali dritt jiġi eżerċitat fil-limitu ta' żmien stabbilit, sakemm joħroġ l-eżitu tal-appell. ***Huwa biss*** fil-każijiet limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament, ***fejn l-applikazzjonijiet x'aktarx ikunu bla bażi,*** li l-applikant jenħtieġ li ma jkollux dritt awtomatiku li jibqa' għall-finijiet tal-appell.	(66) L-applikanti jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' appell quddiem qorti jew tribunal ta' prim'istanza, u, fejn tali dritt jiġi eżerċitat fil-limitu ta' żmien stabbilit, sakemm joħroġ l-eżitu tal-appell. ***Huwa biss*** fil-każijiet limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament, ***li l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu fil-liġi nazzjonali*** li l-applikant ma għandux dritt awtomatiku li jibqa' għall-***finijiet*** tal-appell.

Or. en

Emenda 26
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 66a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66a) F'każijiet fejn l-applikant ma jkollu l-ebda dritt awtomatiku li jibqa' għall-finijiet tal-appell, qorti jew tribunal jenħtieġ li xorta jkunu jistgħu jippermettu lill-applikant jibqa' fit-territorju tal-Istat	(66a) F'każijiet fejn l-applikant ma jkollu l-ebda dritt awtomatiku li jibqa' għall-finijiet tal-appell, qorti jew tribunal jenħtieġ li xorta jkunu jistgħu jippermettu lill-applikant jibqa' fit-territorju tal-Istat

Membru, skont xi jkun ir-riżultat tal-appell, fuq talba tal-applikant jew fuq inizjattiva tiegħu stess. F'każijiet bħal dawn, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jibqgħu sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien għat-talba lil qorti jew lil tribunal biex jitħallew jibqgħu u, fejn l-applikant ikun ippreżenta talba bħal din fil-limitu ta' żmien stabbilit, sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-qorti jew tat-tribunal kompetenti. Sabiex jiġu skoraġġuti applikazzjonijiet abbużivi jew sussegwenti tal-aħħar minuta, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali li l-applikanti jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda dritt li jibqgħu matul dak il-perjodu fil-każ ta' applikazzjonijiet sussegwenti rifjutati, bil-għan li jiġu evitati applikazzjonijiet sussegwenti bla bażi ulterjuri. Fil-kuntest tal-proċedura biex jiġi ddeterminat jekk l-applikant jenħtieġx li jitħalla jibqa' jew le sakemm jinqata' l-appell, id-drittijiet ta' difiża tal-applikant jenħtieġ li jkunu garantiti b'mod adegwat billi huwa jiġi pprovdut bl-interpretazzjoni u bl-assistenza legali meħtieġa. Barra minn hekk, il-qorti jew it-tribunal kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jeżaminaw id-deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali f'termini ta' fatti u punti tal-liġi.	Membru, skont xi jkun ir-riżultat tal-appell, fuq talba tal-applikant jew fuq inizjattiva tiegħu stess. F'każijiet bħal dawn, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jibqgħu sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien għat-talba lil qorti jew lil tribunal biex jitħallew jibqgħu u, fejn l-applikant ikun ippreżenta talba bħal din fil-limitu ta' żmien stabbilit, sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-qorti jew tat-tribunal kompetenti. Sabiex jiġu skoraġġuti applikazzjonijiet abbużivi jew sussegwenti tal-aħħar minuta, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali li l-applikanti jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda dritt li jibqgħu matul dak il-perjodu fil-każ ta' applikazzjonijiet sussegwenti rifjutati, bil-għan li jiġu evitati applikazzjonijiet sussegwenti bla bażi ulterjuri ***mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' non-refoulement***. Fil-kuntest tal-proċedura biex jiġi ddeterminat jekk l-applikant jenħtieġx li jitħalla jibqa' jew le sakemm jinqata' l-appell, id-drittijiet ta' l-applikant***, inkluż id-dritt*** ta' difiża, jenħtieġ li jkunu garantiti b'mod adegwat billi huwa jiġi pprovdut bl-interpretazzjoni u bl-assistenza legali meħtieġa. Barra minn hekk, il-qorti jew it-tribunal kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jeżaminaw id-deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali f'termini ta' fatti u punti tal-liġi.
	Or. en

Emenda 27
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 66b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66b) ***Sabiex jiġu żgurati ritorni effettivi, l-applikanti*** jenħtieġ li ma jkollhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru fl-istadju tat-tieni appell jew	(66b) ***L-applikanti*** jenħtieġ li ma jkollhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru fl-istadju tat-tieni appell jew f'livell ieħor quddiem qorti jew

f'livell ieħor quddiem qorti jew tribunal kontra deċiżjoni negattiva dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li qorti jew tribunal jippermettu lill-applikant jibqa'. Barra minn hekk, l-Istati Membri ***jenħtieġ li ma jagħtux*** lill-applikanti l-possibbiltà li jressqu appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fi proċedura fuq il-fruntiera.

tribunal kontra deċiżjoni negattiva dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li qorti jew tribunal jippermettu lill-applikant jibqa'. Barra minn hekk, l-Istati Membri ***jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu fil-liġi nazzjonali li*** l-applikanti ***ma jkollhomx*** il-possibbiltà li jressqu appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fi proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 28
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Premessa 66c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66c) Biex tiġi żgurata l-konsistenza tar-reviżjoni legali mwettqa minn qorti jew tribunal dwar deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u d-deċiżjoni ***ta' akkumpanjament*** dwar ir-ritorn, u bil-ħsieb li jitħaffef l-eżami tal-każ u jitnaqqas il-piż fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, tali deċiżjonijiet ***jenħtieġ li jkunu soġġetti*** għal proċedimenti komuni quddiem l-istess qorti jew tribunal**.**	(66c) Biex tiġi żgurata l-konsistenza tar-reviżjoni legali mwettqa minn qorti jew tribunal dwar deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u ***kwalunkwe*** deċiżjoni ***relatata*** dwar ir-ritorn, u bil-ħsieb li jitħaffef l-eżami tal-każ u jitnaqqas il-piż fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, ***jenħtieġ li jkun possibbli li*** tali deċiżjonijiet ikunu soġġetti għal proċedimenti komuni quddiem l-istess qorti jew tribunal ***sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-limiti ta' żmien previsti f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 29
Fabienne Keller
Proposta għal regolament

Premessa 66da (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(66da) Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja u tevalwa regolarment jekk dan ir-Regolament hux qed jiġi applikat u implimentat kif suppost. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun assistita mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, skont il-prerogattivi tagħha skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/2303. Biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi tal-Unjoni u d-dritt internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kull Stat Membru jenħtieġ ukoll li jistabbilixxi jew jaħtar mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-proċedura fuq il-fruntiera u jistabbilixxi salvagwardji adegwati għall-indipendenza ta' dak il-mekkaniżmu, skont il-Prinċipji ta' Pariġi, il-Prinċipji ta' Venezja, ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-28 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Ir-rwol tal-Ombudsman u l-istituzzjonijiet medjaturi fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt", u l-Protokoll Fakultattiv biex il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, b'mod partikolari billi jiġu involuti istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, ombudspersons nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali jew organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti fil-ġestjoni u l-operat tal-mekkaniżmu. Il-korpi responsabbli għall-mekkaniżmu jenħtieġ li jistabbilixxu u jżommu rabtiet mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data u mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkopri, b'mod partikolari, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-proċeduri tal-ażil u ta' ritorn u r-rispett għar-regoli applikabbli fir-rigward tad-detenzjoni u l-konformità

mal-prinċipju ta' non-refoulement. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) jenħtieġ li tistabbilixxi gwida ġenerali dwar l-istabbiliment u l-funzjonament indipendenti ta' tali mekkaniżmi ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jitolbu l-appoġġ tal-FRA għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jitħallew jiksbu parir mill-FRA fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tagħhom u fir-rigward ta' miżuri ta' taħriġ xierqa. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jenħtieġ li jkun bħala żieda u mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, kif previsti fir-Regolament (UE) 2019/1896, il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-fini tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) kif stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/2303, u l-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali mwettqa minn korpi eżistenti ta' monitoraġġ nazzjonali jew internazzjonali. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestigaw l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul il-proċeduri tal-ażil u ta' ritorn, inkluż billi jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati fil-pront u b'ħeffa u billi jiġi żgurat li jkun possibbli li jiġu identifikati u sanzjonati dawk misjuba responsabbli għal tali ksur b'mod xieraq.

Or. en

Emenda 30
Fabienne Keller
Proposta għal regolament

Premessa 66db (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(66db) L-obbligi fuq l-Istati Membri biex jistabbilixxu jew jaħtru mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti eżistenti matul il-proċeduri ta' ażil u ritorn, stabbiliti f'dan ir-Regolament, u matul is-sorveljanza tal-fruntieri u l-proċeduri ta' skrinjar, stabbiliti fir-Regolament (UE) xxx/xxx [Regolament dwar l-Iskrinjar], jenħtieġ li jiġu ssodisfati permezz tat-twaqqif jew in-nomina ta' mekkaniżmu wieħed li jkopri l-fażijiet u l-proċeduri rilevanti kollha speċifikati fir-Regolamenti rilevanti.

Or. en

Emenda 31
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) "membru tal-familja"	***imħassar***

Or. en

Emenda 32
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) "jum tax-xogħol" tfisser kwalunkwe jum tas-sena mit-Tnejn sal-Ġimgħa, ħlief għall-btajjel pubbliċi;

Or. en

Emenda 33
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt jb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jb) "membri tal-familja" tfisser membri tal-familja kif definiti fl-Artikolu 2, punt (3), tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza].

Or. en

Emenda 34
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 35a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn applikazzjoni tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, bla bażi jew manifestament bla bażi fir-rigward kemm tal-istatus ta' rifuġjat u tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, jew tiġi irtirata impliċitament jew espliċitament, l-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni tar-ritorn li tirrispetta d-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. ***Id-deċiżjoni tar-ritorn għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew f'att separat.*** Fejn id-deċiżjoni tar-ritorn tinħareġ bħala att separat, din għandha tinħareġ fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	Fejn applikazzjoni tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, bla bażi jew manifestament bla bażi fir-rigward kemm tal-istatus ta' rifuġjat u tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, jew tiġi irtirata impliċitament jew espliċitament, l-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni tar-ritorn li tirrispetta d-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn], ***dment li l-applikant ma jissodisfax il-kundizzjonijiet biex japplika għal permess ta' residenza jew għal awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn għal raġunijiet ta' kompassjoni, umanitarji jew raġunijiet oħra skont il-qafas legali nazzjonali applikabbli u li r-ritorn tagħhom ma jwassalx għal riskji ta' ksur*** tal-***prinċipju ta' non-refoulement, ta' obbligi oħra tad-drittijiet fundamentali skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (il-"Karta") u obbligi oħra tal-Unjoni u dawk internazzjonali***. ***Fil-każ ta' proċedura aċċellerata jew proċedura fuq il-fruntiera,*** fejn id-deċiżjoni tar-ritorn tinħareġ bħala att separat, din għandha tinħareġ fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għall-protezzjoni

	internazzjonali ***jew mingħajr dewmien żejjed wara dan***.

Or. en

Emenda 35
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-applikant huwa ta' nazzjonalità jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks-resident abitwali ta' pajjiż terz li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali huwa, skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha, 20 % jew inqas, sakemm ma jkunx hemm bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn meta tkun ġiet ippubblikata d-data rilevanti tal-Eurostat jew l-applikant jappartjeni għal kategorija ta' persuni li għalihom il-proporzjon ta' 20 % jew inqas ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom;	(i) l-applikant huwa ta' nazzjonalità jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks-resident abitwali ta' pajjiż terz li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet ***finali*** mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali huwa, skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha, 20 % jew inqas, sakemm ma jkunx hemm bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn meta tkun ġiet ippubblikata d-data rilevanti tal-Eurostat jew l-applikant jappartjeni għal kategorija ta' persuni li għalihom il-proporzjon ta' 20 % jew inqas ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom. ***Fejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil tkun ipprovdiet nota ta' gwida dwar pajjiż ta' oriġini skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/2303 li turi li seħħet bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat mill-pubblikazzjoni tad-data rilevanti tal-Eurostat, l-Istati Membri għandhom jużaw dik in-nota ta' gwida bħala referenza għall-applikazzjoni ta' dan il-punt***;

Or. en

Emenda 36
Fabienne Keller
Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikant huwa ta' nazzjonalità jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks-resident abitwali ta' pajjiż terz li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali huwa, skont l-aħħar data tal-Eurostat annwali disponibbli għall-Unjoni kollha, ***20 %*** jew inqas, sakemm ma jkunx hemm bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn meta tkun ġiet ippublikata d-data rilevanti tal-Eurostat jew l-applikant ikun jappartjeni għal kategorija ta' persuni li għalihom il-proporzjon ta' ***20 %*** jew inqas ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom;	(c) l-applikant huwa ta' nazzjonalità jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks-resident abitwali ta' pajjiż terz li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali huwa, skont l-aħħar data tal-Eurostat annwali disponibbli għall-Unjoni kollha, ***10 %*** jew inqas, sakemm ma jkunx hemm bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn meta tkun ġiet ippublikata d-data rilevanti tal-Eurostat jew l-applikant ikun jappartjeni għal kategorija ta' persuni li għalihom il-proporzjon ta' ***10 %*** jew inqas ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom. ***Fejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil tkun ipprovdiet nota ta' gwida dwar pajjiż ta' oriġini skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/2303 li turi li seħħet bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat mill-pubblikazzjoni tad-data rilevanti tal-Eurostat, l-Istati Membri għandhom jużaw dik in-nota ta' gwida bħala referenza għall-applikazzjoni ta' dan il-punt***;

Or. en

Emenda 37
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Wara l-proċedura ta' skrinjar imwettqa skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], u sakemm l-applikant ma jkunx għadu ġie awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri, Stat Membru jista' jeżamina applikazzjoni fi proċedura fuq il-	1. Wara l-proċedura ta' skrinjar imwettqa skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], ***fejn applikabbli*** u sakemm l-applikant ma jkunx għadu ġie awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri, Stat Membru jista' jeżamina applikazzjoni fi

fruntiera fejn dik l-applikazzjoni tkun saret minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr Stat li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399. Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' ssir:	proċedura fuq il-fruntiera fejn dik l-applikazzjoni tkun saret minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr Stat li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399. Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' ssir:

Or. en

Emenda 38
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) wara li jinqabdu ***b'***konnessjoni ma' qsim ***mhux awtorizzat*** tal-fruntiera esterna;	(b) wara li ***dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew dik il-persuna mingħajr Stat*** jinqabdu ***mill-awtoritajiet kompetenti fit-territorju ta' Stat Membru b'***konnessjoni ***diretta ma'*** qsim ***irregolari*** tal-fruntiera esterna;

Or. en

Emenda 39
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) wara r-rilokazzjoni skont l-Artikolu [X] tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [***l-ex*** Regolament ***ta' Dublin***].	(d) wara r-rilokazzjoni skont l-Artikolu [X] tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [Regolament ***dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni***].

Or. en

Emenda 40
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-merti ta' applikazzjoni fi proċedura aċċellerata ta' eżami fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(1)	(b) il-merti ta' applikazzjoni fi proċedura aċċellerata ta' eżami fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(1)***, inkluż fejn l-applikant jista' jitqies, għal raġunijiet serji, theddida għas-sigurtà interna, u f'konformità sħiħa mal-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu.***

Or. en

Emenda 41
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 − paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Stat Membru għandu jeżamina applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fejn japplikaw iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 40(1), il-punt (c), (f) jew (i).	***imħassar***

Or. en

Emenda 42
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3a – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw jew għandhom jieqfu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera fi kwalunkwe stadju tal-proċedura fejn:
	(a) l-awtorità determinanti tqis li r-raġunijiet għar-rifjut ta' applikazzjoni bħala inammissibbli jew għall-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata ta'

eżami mhumiex applikabbli jew ma għadhomx applikabbli;

(b) l-applikant huwa minorenni mhux akkompanjat;

(c) l-applikant ikun minorenni taħt it-12-il sena jew membru tal-familja ta' tali minorenni jew aħwa minorenni mhux miżżewġa ta' tali minorenni;

(d) l-applikant ikun ġie identifikat bħala persuna vulnerabbli jew bħala persuna bi bżonnijiet speċjali ta' proċedura jew ta' akkoljenza u l-appoġġ meħtieġ ma jistax jiġi pprovdut fil-postijiet imsemmija fil-paragrafu 14;

(e) ikun hemm raġunijiet mediċi biex il-proċedura fuq il-fruntiera ma tiġix applikata, inkluż raġunijiet ta' saħħa mentali;

(f) il-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni kif previsti fl-Artikoli 8 sa 11 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux jiġu ssodisfati u l-proċedura dwar il-fruntiera ma tistax tiġi applikata lill-applikant ikkonċernat mingħajr detenzjoni.

Or. en

Emenda 43
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3a – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza lill-applikant biex jidħol fit-territorju tal-Istat Membru u tapplika l-proċedura xierqa tal-ażil.

Or. en

Emenda 44
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3a – subparagrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-fini tal-applikazzjoni tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ma għandhomx iwettqu eżami mediku. Fejn ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-età ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 12-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-minorenni għandu inqas minn 12-il sena.

Or. en

Emenda 45
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3b – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw regolarment l-applikazzjoni tal-paragrafu 3a. L-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ mill-aġenziji tal-Unjoni għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 46
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3b – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tivvaluta regolarment l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, bl-appoġġ tal-Aġenzija tal-

Unjoni Ewropea għall-Ażil, u għandha tirrapporta l-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq bażi annwali.

Or. en

Emenda 47
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Stat Membru ***jista' jiddeċiedi li*** ma japplikax il-paragrafu ***3*** għal ċittadini nazzjonali jew persuni mingħar Stat li huma residenti abitwali ta' pajjiżi terzi li għalihom dak l-Istat Membru jkun ippreżenta notifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25a(3) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.	4. Stat Membru ma ***għandux*** japplika l-paragrafu ***1*** għal ċittadini nazzjonali jew persuni mingħar Stat li huma residenti abitwali ta' pajjiżi terzi li għalihom dak l-Istat Membru jkun ippreżenta notifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25a(3) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.

Or. en

Emenda 48
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn, wara l-eżami mwettaq skont l-Artikolu 25a(4) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, il-Kummissjoni tqis li l-pajjiż terz qed jikkoopera biżżejjed, l-Istat Membru ***għandu*** jerġa' japplika d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu ***3***.	Fejn, wara l-eżami mwettaq skont l-Artikolu 25a(4) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, il-Kummissjoni tqis li l-pajjiż terz qed jikkoopera biżżejjed, l-Istat Membru ***jista'*** jerġa' japplika d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu ***1***.

Or. en

Emenda 49
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn il-Kummissjoni tqis li l-pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx qed jikkoopera biżżejjed, l-Istat Membru ***jista'*** jkompli ma japplikax il-paragrafu ***3***:	Fejn il-Kummissjoni tqis li l-pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx qed jikkoopera biżżejjed, l-Istat Membru ***għandu*** jkompli ma japplikax il-paragrafu ***1***:

Or. en

Emenda 50
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' tiġi applikata biss għal minorenni mhux akkumpanjati u għal minorenni taħt l-età ta' 12-il sena u l-membri tal-familja tagħhom fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(5)(b).	***imħassar***

Or. en

Emenda 51
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-applikanti soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi ***9*** u 11.	6. L-applikanti soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi ***3a*** u 11.

Or. en

Emenda 52
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 6a – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Kwalunkwe restrizzjoni tal-moviment liberu ta' applikant jew kwalunkwe applikazzjoni ta' detenzjoni bħala parti mill-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva riformulata dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza]. Il-minorenni, bħala regola, ma għandhomx ikunu detenuti skont l-Artikolu 11(2) ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Emenda 53
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 6a – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sa ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha titlob, f'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2021/2303 tiżviluppa linji gwida dwar prattiki differenti fir-rigward ta' alternattivi għad-detenzjoni li jistgħu jintużaw fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 54
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 6a – subparagrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sa ... [18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tevalwa l-

applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 55
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera, l-Istati Membri ***jistgħu*** jwettqu l-proċedura biex jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], mingħajr preġudizzju għall-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 11.	7. Meta japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera, l-Istati Membri ***għandhom*** iwettqu l-proċedura biex jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], mingħajr preġudizzju għall-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 11.

Or. en

Emenda 56
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fejn il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera jkunu ssodisfati fl-Istat Membru li minnu l-applikant ikun rilokat, ***proċedura fuq il-fruntiera tista' tiġi applikata mill-***Istat Membru li lejh l-applikant jiġi rilokat skont l-Artikolu ***[x]*** tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], inkluż fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (d).	8. Fejn il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera jkunu ssodisfati fl-Istat Membru li minnu l-applikant ikun rilokat ***u fl-***Istat Membru li fih l-applikant jiġi rilokat skont l-Artikolu ***57*** tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], ***tista' tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera mill-Istat Membru li fih jiġi rilokat l-applikant***, inkluż fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (d).

Or. en

Emenda 57
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Fejn il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera jkunu ssodisfati fl-Istat Membru li minnu l-applikant ikun trasferit u fl-Istat Membru li fih l-applikant jiġi trasferit skont l-Artikolu 35 tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], tista' tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera mill-Istat Membru li fih jiġi trasferit l-applikant.

Or. en

Emenda 58
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw jew għandhom jieqfu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera fi kwalunkwe stadju tal-proċedura fejn:	***imħassar***
(a) l-awtorità determinanti tqis li r-raġunijiet għar-rifjut ta' applikazzjoni bħala inammissibbli jew għall-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata ta' eżami mhumiex applikabbli jew ma għadhomx applikabbli;	
(a) l-awtorità determinanti tqis li r-raġunijiet għar-rifjut ta' applikazzjoni bħala inammissibbli jew għall-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata ta' eżami mhumiex applikabbli jew ma	

għadhomx applikabbli;

(b) l-appoġġ meħtieġ ma jistax jiġi pprovdut lill-applikanti bi bżonnijiet proċedurali speċjali fil-postijiet imsemmija fil-paragrafu 14;

(c) ikun hemm raġunijiet mediċi biex il-proċedura fuq il-fruntiera ma tiġix applikata;

(d) id-detenzjoni tintuża f'każijiet individwali u l-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni kif previsti fl-Artikoli 8 sa 11 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux jiġu ssodisfati u l-proċedura dwar il-fruntiera ma tistax tiġi applikata lill-applikant ikkonċernat mingħajr detenzjoni.

F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza lill-applikant jidħol fit-territorju tal-Istat Membru.

Or. en

Emenda 59
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. B'deroga mill-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn ħamest ijiem mir-reġistrazzjoni għall-ewwel darba jew, wara rilokazzjoni skont l-Artikolu [x] tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], ħamest ijiem minn meta l-applikant jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont l-Artikolu 56(1), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament.	10. B'deroga mill-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn ħamest ijiem ***tax-xogħol*** mir-reġistrazzjoni għall-ewwel darba jew, wara rilokazzjoni skont l-Artikolu [x] tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], ħamest ijiem ***tax-xogħol*** minn meta l-applikant jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont l-Artikolu 56(1), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament***, dment li huma***

jingħataw opportunità effettiva li jagħmlu dan fi żmien dawk l-iskadenzi.

Or. en

Emenda 60
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2 ***u 3*** u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. ***Wara*** dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ***ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1).***	11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata***, inkluż fejn il-proċedura tal-fruntiera tiġi applikata fi Stat Membru ieħor wara rilokazzjoni skont il-paragrafu 8 jew trasferiment skont il-paragrafu 8a***. ***Jekk,*** wara dak il-perjodu, ***id-deċiżjoni tal-ewwel istanza u d-deċiżjoni dwar l-appell, jekk applikabbli, ma jkunux ittieħdu***, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru.

Or. en

Emenda 61
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-dritt tal-applikant li jibqa' jkun ġie rrevokat skont l-Artikolu 9(3), il-punt (a);	(a) id-dritt tal-applikant li jibqa' ***fit-territorju ta' Stat Membru*** jkun ġie rrevokat skont l-Artikolu 9(3), il-punt (a);

Or. en

Emenda 62
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54 u ma jkunx talab li jitħalla jibqa' għall-finijiet ta' proċedura ta' appell fil-limitu ta' żmien applikabbli;	(b) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' ***fit-territorju ta' Stat Membru*** f'konformità mal-Artikolu 54 u ma jkunx talab li jitħalla jibqa' għall-finijiet ta' proċedura ta' appell fil-limitu ta' żmien applikabbli;

Or. en

Emenda 63
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54 u qorti jew tribunal ikunu ddeċidew li l-applikant ma għandux jitħalla jibqa' sakemm joħroġ ir-riżultat ta' proċedura ta' appell.	(c) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' ***fit-territorju ta' Stat Membru*** f'konformità mal-Artikolu 54 u qorti jew tribunal ikunu ddeċidew li l-applikant ma għandux jitħalla jibqa' sakemm joħroġ ir-riżultat ta' proċedura ta' appell.

Or. en

Emenda 64
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każijiet bħal dawn, fejn l-applikant kien soġġett għal deċiżjoni tar-ritorn maħruġa skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] jew ċaħda ta'	F'każijiet bħal dawn, fejn l-applikant kien soġġett għal deċiżjoni tar-ritorn maħruġa skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] jew ċaħda ta'

dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, ***għandu*** japplika l-Artikolu 41a.

dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, ***jista'*** japplika l-Artikolu 41a.

Or. en

Emenda 65
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom ***jinżammu*** fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [*xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]*, il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu ***3*** u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni ***xahrejn*** qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.	13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom jiġu ***akkomodati f'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva riformulata dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza]. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-applikanti joqogħdu f'postijiet, magħżula fid-diskrezzjoni tagħhom, biex itemmu l-proċedura tal-fruntiera fit-territorju tal-Istati Membri. Proċedura fuq il-fruntiera tista' ssir*** fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom ***fit-territorju tal-Istat Membru, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu jiġu rispettati bis-sħiħ u l-ħtiġijiet speċjali tal-applikanti jiġu salvagwardjati kif xieraq***. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu ***1*** u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera ***abbażi ta' deċiżjoni mill-awtoritajiet***

	nazzjonali kompetenti, għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni ***kmieni kemm jista' jkun u tal-inqas ġimagħtejn*** qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.

Or. en

Emenda 66
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità ***tal-postijiet*** notifikati mill-***Istati Membri*** skont il-paragrafu ***14*** tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu ***3***, l-***Istati Membri*** jistgħu jagħżlu postijiet oħra fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw lill-applikanti ***hemmhekk, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ.***	14. F'sitwazzjonijiet fejn, ***abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni jew minn awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, jinstab li*** l-kapaċità ta' post kif innotifikat minn ***dak l-Istat Membru*** skont il-paragrafu ***13*** tkun temporanjament insuffiċjenti biex jiġu pproċessati l-applikanti koperti mill-paragrafu ***1***, ***dak l-Istat Membru għandu*** jagħżel postijiet oħra fit-territorju ***tiegħ***u u, wara notifika lill-Kummissjoni, ***għandu*** jakkomoda l-applikanti, ***skont il-kundizzjonijiet previsti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]***.

Or. en

Emenda 67
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li l***-applikazzjoni ***tagħhom tiġi miċħuda*** fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 ***ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-***	1. ***Wara r-rifjut tal-***applikazzjoni ta' ***ċittadin ta' pajjiż terz*** fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41***, l-Istati Membri jistgħu jwettqu r-ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fi proċedura fuq il-***

Istat Membru.	***fruntiera.***

Or. en

Emenda 68
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 1 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fejn Stat Membru jwettaq ir-ritorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz fi proċedura fuq il-fruntiera, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun awtorizzat jidħol fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/39.

Or. en

Emenda 69
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ***jinżammu*** għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il ġimgħa f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom***; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu.*** Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa għandu jibda minn meta l-applikant***, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat*** ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' ***u*** ma titħalliex tibqa'.	2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ***akkomodati*** għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il ġimgħa f'postijiet ***magħżula fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Tali postijiet jistgħu jkunu jinsabu*** fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom ***fit-territorju tal-Unjoni. Il-kundizzjonijiet f'dawk il-postijiet għandhom jilħqu standards ekwivalenti għal dawk tal-kundizzjonijiet materjali tal-akkoljenza u kura tas-saħħa pprovduti lill-applikanti skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza]***. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa għandu jibda minn meta l-applikant ma

	jkollux aktar dritt li jibqa' ***jew*** ma jitħalliex jibqa'.

Or. en

Emenda 70
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet ta dan l-Artikolu, l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), l-Artikoli 5 sa 7, l-Artikolu 8(1) sa (5), l-Artikolu 9(2) sa (4), l-Artikoli 10 sa 13, l-Artikolu 15, l-Artikolu 17***(1)***, l-Artikolu 18(2) sa (4) u l-Artikoli 19 sa 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn] għandhom japplikaw.	3. Għall-finijiet ta dan l-Artikolu, l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), l-Artikoli 5 sa 7, l-Artikolu 8(1) sa (5), l-Artikolu 9(2) sa (4), l-Artikoli 10 sa 13, l-Artikolu 15, l-Artikolu 17, l-Artikolu 18(2) sa (4) u l-Artikoli 19 sa 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn] għandhom japplikaw.

Or. en

Emenda 71
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, ***jistgħu*** jingħataw perjodu għat-tluq volontarju ***li ma jaqbiżx 15-il*** jum.	4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, ***għandhom*** jingħataw perjodu għat-tluq volontarju ***ta' 25*** jum.

Or. en

Emenda 72
Fabienne Keller
Proposta għal regolament

Artikolu 41a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu ġew detenuti waqt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 ***u*** li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu jistgħu jibqgħu jinżammu f'detenzjoni bil-għan li jiġi evitat id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru, li jkun qed iħejji r-ritorn jew iwettaq il-proċess tat-tneħħija.	5. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu ġew detenuti waqt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu jistgħu jibqgħu jinżammu f'detenzjoni bil-għan li jiġi evitat id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru, li jkun qed iħejji r-ritorn jew iwettaq il-proċess tat-tneħħija.

Or. en

Emenda 73
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu, u li ma kinux miżmuma matul il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, jistgħu jinżammu f'detenzjoni jekk ikun hemm riskju li jaħarbu skont it-tifsira tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn], jekk jevitaw jew ifixklu t-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tkeċċija jew jekk ikunu ta' riskju għall-***ordni pubbliku,*** għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.	6. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu, u li ma kinux miżmuma matul il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, jistgħu jinżammu f'detenzjoni jekk ikun hemm riskju li jaħarbu skont it-tifsira tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn], jekk jevitaw jew ifixklu t-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tkeċċija jew jekk ikunu ta' riskju għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.

Or. en

Emenda 74
Fabienne Keller
Proposta għal regolament

Artikolu 41a – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 u għandu jiġi inkluż fil-perjodi massimi ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn].	7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir ***u*** tinżamm ***biss*** sakemm ***ikun jeżisti prospett raġonevoli ta'*** tneħħija u jkunu għaddejjin arranġamenti u titwettaq bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 u għandu jiġi inkluż fil-perjodi massimi ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn].

Or. en

Emenda 75
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41a – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri li, wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, joħorġu rifjut għad-dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, ***u li ddeċidew li ma japplikawx*** id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] ***f'każijiet bħal dawn skont l-Artikolu 2(2), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva, għandhom jiżguraw li t-trattament u l-livell ta' protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat soġġetti għal rifjut ta' dħul ikunu skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] u jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 7 ta' dan l-Artikolu.***	8. L-Istati Membri li, wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, joħorġu rifjut għad-dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, ***ma għandhomx japplikaw l-Artikolu 2(2), punt (a), tad-***Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar ir-Ritorn].

Or. en

Emenda 76
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41b – titolu (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-persunal fil-proċedura fuq il-fruntiera

Or. en

Emenda 77
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41b – paragrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1. Skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awtorità determinanti b'persunal suffiċjenti li jkollu l-għarfien xieraq u li jkun irċieva t-taħriġ meħtieġ, inkluż dwar id-drittijiet fundamentali, biex twettaq il-kompiti tagħha fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 78
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41b – paragrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. Sa ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha toħroġ linji gwida, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, biex tassisti lill-Istati Membri fl-ippjanar u l-allokazzjoni tal-livell xieraq ta' persunal, f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE)

2021/2303. Dawk il-linji gwida għandhom jispeċifikaw ir-rekwiżiti għall-persunal sabiex ikun jista' jikkonforma mar-rekwiżiti proċedurali u tal-akkoljenza, f'dawk li huma għadd, tip u kwalifiki.

Or. en

Emenda 79
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 41b – paragrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. Fejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil tqis li d-disponibbiltà u l-kapaċità tal-persunal mhumiex biżżejjed abbażi tal-Artikolu 14(3), punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/2303, l-Istati Membri jistgħu jitolbu l-assistenza tal-Unjoni skont l-Artikolu 57a ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 80
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-ewwel applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet ippreżentata fi żmien sena mid-deċiżjoni tal-awtorità determinanti dwar l-ewwel applikazzjoni sempliċiment sabiex l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn jiġi mdewwem jew jiġi skoraġġut li jwassal biex l-applikant jitneħħa b'mod imminenti mill-Istat Membru, sakemm tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni li tiddikjara li l-applikazzjoni mhijiex ammissibbli f'każijiet fejn ikun ċar immedjatament lill-awtorità determinanti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-

Artikolu 42(4);

Or. en

Emenda 81
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-ewwel applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet ippreżentata fi żmien sena mid-deċiżjoni tal-awtorità determinanti dwar l-ewwel applikazzjoni sempliċiment sabiex l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn jiġi mdewwem jew jiġi skoraġġut li jwassal biex l-applikant jitneħħa b'mod imminenti mill-Istat Membru, sakemm tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni li tiddikjara li l-applikazzjoni mhijiex ammissibbli f'każijiet fejn ikun ċar immedjatament lill-awtorità determinanti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4)	***imħassar***

Or. en

Emenda 82
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra:	1. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ***f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II kontra dawn li ġejjin***:

Or. en

Emenda 83
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala bla bażi kemm fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni sussidjarja;	(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala ***bla bażi jew manifestament*** bla bażi kemm fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni sussidjarja;

Or. en

Emenda 84
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) deċiżjoni li tiddetermina l-età tal-applikant.

Or. en

Emenda 85
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-deċiżjonijiet ta' ***ritorn għandhom*** jiġu appellati quddiem l-istess qorti jew tribunal u fl-istess proċedimenti ġudizzjarji u fl-istess limiti ta' żmien bħad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d).	***Sabiex jiġu ssodisfati l-limiti ta' żmien previsti f'dan ir-Regolament,*** id-deċiżjonijiet ***ta' ritorn jistgħu*** jiġu appellati quddiem l-istess qorti jew tribunal u fl-istess proċedimenti ġudizzjarji u fl-istess limiti ta' żmien bħad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d). ***L-applikanti għandhom jiġu infurmati kif xieraq u fil-ħin dwar id-dritt tagħhom ta' appell.***

Or. en

Emenda 86
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Persuni rikonoxxuti bħala eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tqis li l-applikazzjoni tagħhom hija bla bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat. ***Fejn status ta' protezzjoni sussidjarja mogħti minn Stat Membru joffri l-istess drittijiet u benefiċċji bħall-istatus ta' rifuġjat taħt il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, l-appell kontra dik id-deċiżjoni f'dak l-Istat Membru jista' jitqies bħala inammissibbli fejn previst fil-liġi nazzjonali.***	2. Persuni rikonoxxuti bħala eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tqis li l-applikazzjoni tagħhom hija bla bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat.

Or. en

Emenda 87
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant għal smigħ orali bħala prinċipju ġenerali, il-qorti jew it-tribunal jistgħu jikkunsidraw li l-proċedura msemmija fl-ewwel subparagrafu ssir permezz ta' sottomissjonijiet bil-miktub fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 88
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-applikanti għandhom jiġu pprovduti b'interpretazzjoni ***għall-finijiet ta' smigħ*** quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti ***fejn tali smigħ iseħħ u*** fejn ma tkunx tista' tiġi żgurata komunikazzjoni xierqa b'mod ieħor.	***4. Għall-finijiet ta' smigħ,*** l-applikanti għandhom jiġu pprovduti b'interpretazzjoni ***f'lingwa li jifhmuha minn persunal kwalifikat*** quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti, fejn komunikazzjoni oħra xierqa ma tkunx tista' tiġi żgurata.

Or. en

Emenda 89
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 b – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Jekk id-dokumenti ma jiġux ippreżentati fil-ħin lill-qorti jew lit-tribunal biex jiżguraw it-traduzzjoni tagħhom, il-qorti jew it-tribunal jistgħu jirrifjutaw li jikkunsidraw dawk id-dokumenti jekk ma jkunux akkumpanjati minn traduzzjoni pprovduta mill-applikant.	***imħassar***

Or. en

Emenda 90
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-inqas ***ġimgħa*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli, bħala rtirata impliċitament	(a) mill-inqas ***sebat ijiem tax-xogħol*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli, bħala

jew bħala bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) jew (5);	rtirata impliċitament ***jew espliċitament jew manifestament bla bażi*** jew bħala bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) jew (5);

Or. en

Emenda 91
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***bejn minimu ta' ġimagħtejn u massimu ta' xahrejn*** fil-każijiet l-oħrajn kollha.	(b) ***mill-inqas 15-il jum tax-xogħol*** fil-każijiet l-oħra kollha.

Or. en

Emenda 92
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 7 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom itawlu l-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan il-paragrafu fejn ikun meħtieġ minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 93
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 - paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-	8. Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-

paragrafu 7 għandhom jibdew mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi ***nnotifikata lill-***applikant jew lir-rappreżentant jew lill-konsulent legali tiegħu jew tagħha. Il-proċedura għan-notifika għandha tiġi stabbilita fil-liġi nazzjonali.

paragrafu 7 għandhom jibdew mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi ***effettivament riċevuta mill-***applikant jew lir-rappreżentant jew lill-konsulent legali tiegħu jew tagħha. ***Fejn l-applikant ikun talab assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas, il-limiti ta' żmien għandhom jibdew biss mid-data li fiha jinħatar konsulent legali jew, f'każ ta' deċiżjoni negattiva, mid-data li fiha ssir finali dik id-deċiżjoni negattiva***. Il-proċedura għan-notifika għandha tiġi stabbilita fil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 94
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu għal livell wieħed biss ta' appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera.	9. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu għal livell wieħed biss ta' appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 95
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien li fih ***jistgħu*** jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ta' prim'istanza u, fejn tali dritt ikun ġie eżerċitat fil-limitu ta' żmien, sal-	2. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien li fih ***l-applikanti jistgħu*** jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ta' prim'istanza u, fejn tali dritt ikun ġie eżerċitat fil-limitu

eżitu tar-rimedju.

ta’ żmien, sal-eżitu tar-rimedju.

Or. en

Emenda 96
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-***applikant ma għandux ikollu ***d-*** dritt li jibqa’ skont il-paragrafu 2 meta l-awtorità kompetenti tkun ħadet waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin:	3. ***Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta’ non-refoulement, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li*** applikant ma ***għandux*** id-dritt li jibqa’ skont il-paragrafu 2 meta l-awtorità kompetenti tkun ħadet waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 97
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala bla bażi jew manifestament bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) u (5) ***[inkluż il-pajjiż ta’ oriġini bla periklu] jew fil-każijiet soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera***;	(a) deċiżjoni***, inkluża deċiżjoni fi proċedura fuq il-fruntiera,*** li tirrifjuta applikazzjoni bħala bla bażi jew bħala manifestament bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1)***, il-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f),*** u (5), ***il-punt (b), sakemm ma japplikax il-punt 47(4a)***;

Or. en

Emenda 98
Fabienne Keller
Proposta għal regolament

Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) ***[l-ewwel pajjiż tal-ażil] jew (c) [applikazzjonijiet sussegwenti mingħajr elementi ġodda]***;	(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)***,*** ***punt*** (a);

Or. en

Emenda 99
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala rtirata ***b'mod impliċitu***;	(c) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala rtirata ***b'mod espliċitu***;

Or. en

Emenda 100
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) deċiżjoni ta' rtirar ta' protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 14(1), punti (b), (d) u (e), u l-Artikolu 20(1), punt (b), tar-Regolament Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika).	***imħassar***

Or. en

Emenda 101
Fabienne Keller
Proposta għal regolament

Artikolu 54 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3, qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu, wara eżami kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi, jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' fit-territorju tal-Istati Membri jew le sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju fuq talba tal-applikant. Il-qorti jew tribunal kompetenti ***jistgħu***, skont il-liġi nazzjonali, ikollhom is-setgħa li jiddeċiedu fuq din il-kwistjoni *ex officio*.	4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3, qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu, wara eżami kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi, jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' fit-territorju tal-Istati Membri jew le sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju fuq talba tal-applikant. Il-qorti jew tribunal kompetenti ***għandu***, skont il-liġi nazzjonali, ikollhom is-setgħa li jiddeċiedu fuq din il-kwistjoni *ex officio*.

Or. en

Emenda 102
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' mill-inqas ħamest ijiem mid-data meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju;	(a) ***fejn id-deċiżjoni tkun ittieħdet fi proċedura fuq il-fruntiera,*** l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' mill-inqas ħamest ijiem ***tax-xogħol*** mid-data meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju;

Or. en

Emenda 103
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-applikant għandu jingħata***, fuq talba***, assistenza u rappreżentanza legali	(c) l-applikant għandu jingħata, assistenza u rappreżentanza legali mingħajr

mingħajr ħlas skont l-Artikolu 15(4) u (5);	ħlas skont l-Artikolu 15(4) u (5);

Or. en

Emenda 104
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 5 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-applikant għandu jiġi infurmat kif xieraq u fil-ħin bid-drittijiet tiegħu skont dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 105
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. F'każijiet ta' applikazzjonijiet sussegwenti, b'deroga mill-paragrafu ***6***, il-punt (d) ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali li l-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa', mingħajr preġudizzju għar-rispett tal-prinċipju ta' *non-refoulement*, jekk l-appell ikun sar biss sabiex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn li tirriżulta fit-tneħħija imminenti tal-applikant mill-Istat Membru, f'każijiet fejn ikun immedjatament ċar għall-qorti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4).	6. F'każijiet ta' applikazzjonijiet sussegwenti, b'deroga mill-paragrafu ***5***, il-punt (d) ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali li l-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa', mingħajr preġudizzju għar-rispett tal-prinċipju ta' *non-refoulement*, jekk l-appell ikun sar biss sabiex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn li tirriżulta fit-tneħħija imminenti tal-applikant mill-Istat Membru, f'każijiet fejn ikun immedjatament ċar għall-qorti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4).

Or. en

Emenda 106
Fabienne Keller
Proposta għal regolament

Artikolu 57a – titolu (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Rwol tal-aġenziji tal-Unjoni

Or. en

Emenda 107
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57a – paragrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1. L-aġenziji tal-Unjoni li jaġixxu fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni għandhom, fil-mandati rispettivi tagħhom, jipprovdu appoġġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bil-ħsieb li jiżguraw l-implimentazzjoni u l-funzjonament xierqa ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-proċedura aċċellerata ta' eżami skont l-Artikolu 40, il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 41 u l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn skont l-Artikolu 41a.

Or. en

Emenda 108
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***2. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għandha, skont l-Artikolu 16(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/2303, tipproponi fuq inizjattiva tagħha stess assistenza operazzjonali u teknika lil Stat Membru relatata mal-implimentazzjoni ta' dan Regolament. L-**

Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha, skont l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2019/1896, tipproponi fuq inizjattiva tagħha stess assistenza operazzjonali u teknika lil Stat Membru relatata mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandha, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 168/2007, tipproponi fuq inizjattiva tagħha stess assistenza operazzjonali u teknika lil Stat Membru relatata mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 109
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57a – paragrafu 2 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fejn Stat Membru ma jaqbilx ma' proposta għal assistenza operattiva u teknika mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil jew mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, dan għandu jispjega r-raġunijiet tiegħu għar-riffut tal-proposta fi żmien xieraq.

Or. en

Emenda 110
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57a – paragrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-

Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandhom jistabbilixxu kull waħda lista ta' kompiti fil-kompetenza tagħhom għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, skont il-mandat rispettiv tagħhom. Huma għandhom jikkomunikaw dik il-lista lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sa ... [xahar wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 111
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57c – titolu (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-proċedura fuq il-fruntiera

Or. en

Emenda 112
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57c – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet rilevanti biex jinvestigaw l-allegazzjonijiet kollha ta' nuqqas ta' rispett għad-drittijiet fundamentali matul il-proċedura tal-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 41 u l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn skont l-

Artikolu 41a.

Or. en

Emenda 113
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57c – paragrafu 1 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet skont il-liġi nazzjonali biex jippenalizzaw nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali. Il-penali previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u disważivi.

Or. en

Emenda 114
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jew jaħtar mekkaniżmu indipendenti eżistenti li jissodisfa l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 115
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57c – paragrafu 2 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandu jimmonitorja l-konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, matul il-proċedura fuq

il-fruntiera, inkluż fir-rigward ta':

(a) l-aċċess għall-proċedura ta' asil;

(b) is-salvagwardji proċedurali applikabbli għall-persuna kkonċernata;

(c) il-konformità tal-persunal u l-atturi involuti fil-proċedura fuq il-fruntiera mal-liġi tal-Unjoni u dik internazzjonali;

(d) il-prinċipju ta' non-refoulement;

(e) l-aħjar interessi tat-tfal;

(f) id-dritt għall-kura tas-saħħa;

(g) il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza;

(h) ir-regoli rilevanti dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari r-regoli li jikkonċernaw ir-raġunijiet għad-detenzjoni u t-tul ta' żmien tagħha.

Or. en

Emenda 116
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57c – paragrafu 2 – subparagrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandu jiżgura li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett għad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet rilevanti kollha għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) jiġu investigati kif suppost u ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed jew, fejn meħtieġ, jiskatta investigazzjonijiet bħal dawn. Għandu jimmonitorja l-progress ta' dawk l-investigazzjonijiet.

Or. en

Emenda 117
Fabienne Keller
Proposta għal regolament

Artikolu 57c – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ, f'konformità mal-kriterji rikonoxxuti skont id-dritt u l-istandards internazzjonali rilevanti dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Or. en

Emenda 118
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57c – paragrafu 3 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jinvolvu istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, ombudspersons nazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-ġestjoni u l-operat tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-mekkaniżmu. Jistgħu jinvolvu wkoll organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti. Fejn waħda jew aktar minn dawk l-istituzzjonijiet, ombudspersons jew l-organizzazzjonijiet ma jkunux direttament involuti fil-mekkaniżmu, il-korpi responsabbli għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandhom jistabbilixxu u jżommu rabtiet mill-qrib magħhom. Il-korpi responsabbli għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandhom jistabbilixxu u jżommu rabtiet mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data u mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Or. en

Emenda 119
Fabienne Keller
Proposta għal regolament

Artikolu 57c – paragrafu 4 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-korpi responsabbli għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ b'aċċess għall-postijiet rilevanti kollha, inklużi l-faċilitajiet ta' akkoljenza u detenzjoni, individwi u dokumenti, sakemm tali aċċess ikun meħtieġ biex jippermetti lill-korpi responsabbli għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jissodisfaw l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu. Fejn l-informazzjoni miġbura fuq każ individwali tissuġġerixxi li jkun twettaq reat kriminali, dik l-informazzjoni għandha tiġi mgħoddija lill-awtoritajiet nazzjonali tal-prosekuzzjoni jew lis-servizz tal-prosekuzzjoni.

Or. en

Emenda 120
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57c – paragrafu 5 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5. L-FRA għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-FRA biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, u l-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.

Or. en

Emenda 121
Fabienne Keller
Proposta għal regolament

Artikolu 57c – paragrafu 6 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandu jkun komplementari għall-mekkaniżmu msemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar l-Iskrinjar].

Or. en

Emenda 122
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 57c – paragrafu 6 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ huwa mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-fini ta' monitoraġġ tal-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-SEKA kif stabbilita fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/2303 u għar-rwol tal-osservaturi tad-drittijiet fundamentali fil-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta kif stabbilit fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2019/1896.

Or. en

Emenda 123
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 59a – titolu (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Monitoraġġ

Or. en

Emenda 124
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 59a – paragrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja regolarment l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, din għandha tkun assistita mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/2303.

Or. en

Emenda 125
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 59a – paragrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. Il-monitoraġġ għandu jkopri, b'mod partikolari, l-aspetti li ġejjin:
	(a) l-aċċess li l-atturi kompetenti kollha, inklużi organizzazzjonijiet nongovernattivi, għandhom għall-faċilitajiet użati għall-finijiet ta' proċedura fuq il-fruntiera;
	(b) il-persunal skont l-Artikolu 41b u l-koordinazzjoni bejn l-atturi skont l-Artikolu 41c;
	(c) il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza skont l-Artikolu 41a(2) u rekwiżiti speċifiċi għall-proċedura tal-fruntiera;
	(d) ir-rispett għad-drittijiet proċedurali, bħall-aċċess għall-informazzjoni, għall-assistenza u r-rappreżentanza legali u għall-interpretazzjoni jew id-dritt għal rimedju effettiv.

Or. en

Emenda 126
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 59a – paragrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw regolarment lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil rigward l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tat-Taqsimiet III u IV.

Or. en

Emenda 127
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 59a – paragrafu 4 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha tindika lil Stat Membru fejn, fuq il-bażi ta' monitoraġġ operazzjonali u tekniku skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/2303, tqis li l-kapaċità ta' post li tkun innotifikat skont l-Artikolu 41(14) hija temporanjament insuffiċjenti għall-fini tal-ipproċessar tal-applikanti.

Or. en

Emenda 128
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 60 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Monitoraġġ u evalwazzjoni	***Evalwazzjoni***

Or. en

Emenda 129
Fabienne Keller
Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Bħala parti mir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-metodoloġija użat biex tivvaluta s-sitwazzjoni fil-pajjiżi terzi inklużi fil-lista komuni tal-Unjoni ta' pajjiżi terzi ta' oriġini bla periklu, jew l-inklużjoni potenzjali ta' tali pajjiżi, jew is-sospensjoni tagħhom, mil-lista. Hija għandha tirrapporta wkoll dwar l-implimentazzjoni ta' salvagwardji proċedurali għal dawk li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali li joriġinaw minn pajjiż fil-lista komuni tal-Unjoni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

Or. en

1. ***Emenda tal-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE***
LIBE/9/00168

***I 2016/0224(COD) COM(2020)0611

4.1 Votazzjoni finali

38	+
PPE	Isabel Benjumea Benjumea, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Othmar Karas, Jeroen Lenaers, Aušra Maldeikienė, Alessandra Mussolini, Emil Radev, Karlo Ressler, Tomas Tobé, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Maite Pagazaurtundúa, Susana Solís Pérez, Ramona Strugariu, Yana Toom
S&D	Pietro Bartolo, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Carina Ohlsson, Thijs Reuten, Daniela Rondinelli, Günther Sidl, Birgit Sippel, Elena Yoncheva

21	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Vincenzo Sofo
ID	Annika Bruna, Patricia Chagnon, Jean-Paul Garraud, Joachim Kuhs, Annalisa Tardino, Tom Vandendriessche
NI	Laura Ferrara
PPE	Lukas Mandl
The Left	Konstantinos Arvanitis, Malin Björk, Cornelia Ernst, Sira Rego
Verts/ALE	Damian Boeselager, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

6	0
ECR	Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Jadwiga Wiśniewska
PPE	Nuno Melo, Nadine Morano

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni